**15 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Neguzjant Paul Abela noe.

*versus*

Anthony Camilleri, O.B.E. noe.

**Dazju — Interpretazzjoni — Ord. IX tas-sena 1962.**

*Il-liġijiet tributarji la għandhom jiġu nterpretati kontra l-kontribwent u lanqas kontra l-erarju, iżda għandha tipprevali l-interpretazzjoni skond l-ispirtu u l-ittra tal-liġi li tkun. Fid-dubju għandhom pjuttost jiġu riżoluti affermattivament, għaliex il-kawża tad-dazju, jew imposta xi tkun, hija ta' utilità pubblika.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — billi l-attur importat tnejn u għoxrin bundles reinforcing deformed steel bars tal-piż ta' 20,300 kili u tal-valur ta' sitt mija u tnejn u sebgħin lira (£672) illi waslu Malta fit-18 ta' Ġunju *bil-vapur Phonizen; u billi l-konvenut ippretenda illi dina l-*merkanzija kellha tħallas dazju skond is-subsection 3 ta' Schedule Part I tal-Ordinanza IX, tal-1962 u għalhekk biex jirtira l-merkanzija l-attur kellu jħallas (Dok. A) taħt protesta s-somma ta' mija u erbgħa u sebgħin lira erbatax-il xelin u ħames soldi (£174.14.5) li ġiet imħallas in debitament; — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas u jirrestitwixxi lill-attur is-somma msemmija ta' mija u erbgħa u sebgħin lira, erbatax-il xelin u ħames soldi, bl-interessi legali minn notifika, bl-ispejjeż;

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha jgħid illi d-domanda attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; li d-distinzjoni li qed jipprova jagħmel l-attur biex jevadi l-ħlas tad-dazju ma tistax tolqot l-oġġett in kwistjoni fis-sostanza u n-natura tiegħu; li dik il-merkanzija tibqa' essenzjalment "steel-bars" fis-sens tal-liġi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-pretensjoni tal-attur hija impernjata fuq id-distinzjoni magħmula bejn 'round' and 'deformed bars' li tinsab indikata fil-Press Notice No. 1 tal-1963 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Jannar, 1963;

Li l-konvenut esibixxa kampjun ta' "steel bar" minn dawk impurtati mill-attur nomine, mil-liema kampjun wieħed im-

medjatament jifforma idea li ma hemmx distinzjoni markata bejn dina l-kategorija u dik ta' "plain round bars".

Li l-kwistjoni, però, li għandha tiġi risoluta hija jekk li *steel bars importati mill-attur għandhomx ikunu soġġetti* għad-dazju ta' sitta u għoxrin fil-mija (26%) "ad valorem".

Li, dina l-kwistjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl ta' dawna l-konsiderazzjonijiet:—

a) Il-liġi oriġinali hija l-ordinanza riportata fil-Kap. 122 tal-Liġijiet ta' Malta, taħt it-titolu "Import and Export Duties *Ordinance*", *minn dina l-liġi emanat "It-taxes, Duties, Fees* and other sources of Revenue" tal-31 ta' Diċembru, 1961;

b) Fil-paġna 19 ta' dina l-liġi nsibu t-titolu: "Iron and steel in rods and bars", li fil-1961 kienu kompriżi fil-"list of goods not subject to duty".

c) L-attur importa l-imsemmija steel bars fit-18 ta' Ġunju, 1962 u ħallas fuqhom id-dazju tas-26% taħt protest

d) Bl-Ordinanza Nru. IX tas-7 ta' Frar, 1962 ġiet emendata l-liġi dwar l-imsemmija artikoli, u speċifikament ġew dikjarati dazzjabbli li "steel bars not less than ¼ inch and not more than 1 inch in diameter", liema item ġie inkluż taħt it-tieni skeda tal-"ad valorem duties" u preċiżament wara l-intestatura "*Kartolerija*" li *hemm fl-ewwel kolonna tagħha*, fejn ġie dispost li f'dik il-kolonna għandha tidħol l-intestatura: "Steel bars not less than one fourth (¼) inch. and not more than one (1) inch in diameter", u fit-tieni u fit-tielet kolonna tagħha ġew inseriti l-figuri u kliem "26(%) fil-mija".

e) Id-distinzjoni li ried jipprevali ruħu minnha l-attur magħmula bil-press notice fuq riferit, tirrigwarda biss l-għamla tar-rods jew bars; iżda sakemm dawna jkunu tal-azzar u taddijametru hemm stabilit, dawna ġew kolpiti mill-emenda tal-

liġi u preċiżament bl-ordinanza Nru. IX, tas-sena 1962 fuq riferita, liema ordinanza kienet ġa in vigore meta l-attur importa l-imsemmija staneg. Infatti f'dina l-istess ordinanza nsibu li dawna l-istess items ġew maħruġa mil-lista tal-oġġetti mhux dazjabbli kif kien provdut qabel fil-liġi oriġinali, ġa fuq riferita.

Ikkunsidrat:

Li m'hemmx kwistjoni dwar id-dijametru tal-bars importati mill-attur, għaliex dwar il-kampjun esibit ma saret ebda osservazzjoni jew rimonstranza fuqu; u dana l-kampjun jidħol fid-dimensjoni stabilita bl-imsemmija ordinanza IX, tal-1962. li assoġġettathom għall-ħlas tad-dazju tas-26 fil-mija.

Li, inoltri, huwa xieraq li jiġi rilevat li d-deformazzjoni *allegata mill-attur a rigward tal-"steel bars" minnu importati*, mhix tali li tisnatura l-għamla tagħhom bħala dik ta' "plain round bars" imsemmija fil-press notice fuq indikat, infatti, dawna l-bars jibqgħu dejjem tali anki għar-rigward tal-użu li għalihom huma destinati. Id-distinzjoni sottili dwar l-aħjar impieg u utilità tagħhom għall-bini ma tasalx biex tittrasforma dawna l-bars f'ġeneru ta' artikolu 'a se", li ma jidħolx fil-kategorija ta' dawk l-artikoli li ġew soġġetti għad-dazju in forza tal-imsemmija ordinanza.

Ikkunsidrat:

Li, kif ġie ritenut minn dawna *l-Qrati, il-liġijiet tributarji* la għandhom jiġu interpretati kontra l-kontribwent u lanqas kontra l-erarju, iżda għandha tipprevali l-interpretazzjoni skond l-ispirtu u l-ittra tal-liġi li tkun, u fid-dubju għandhom pjuttost jiġu riżoluti affermativament, għaliex il-kawża taddazju, jew imposta xi tkun, hija ta' utilità pubblika (Kollez XXXIV, i, 4; P.A. in re Alfred Anastasi vs. Anthony Camilleri noe. deċiża fil-15 ta' April, 1964).

Li. dana l-prinċipju ġie espost fil-kawża "Dr. Carlo Manchè vs. On. Huber, noe." deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Diċembru, 1921, f'dana l-mod: "Invero quando le leggi tributarie sono chiare non è permessa alcuna interpretazione, ma esse devono essere applicate, nel loro senso letterale, poichè l'interpretazione, ma esse devono essere applicate, nel loro senso letterale, poichè l'interpretazione che meglio sè addice alle leggi tributarie, **anche nel dubbio** come c'insegna Ulpiano, è la letterale": in re igitur debia melius est verbis Edicti servire".

Li, minn dana jitnissel li la darba l-emenda tal-liġi hija ċara ma tistax tiġi milqugħa l-pretensjoni tal-attur, biex b'hekk tinħoloq kategorija isolata ta' steel bars, mhux kompriżi fil-liġi.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attur. bl-ispejjeż kontra tiegħu.